MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2006

Numru 383/2006

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi)
vs
Clifford Garrett, iben Silvio William, imwieled Pieta' fit-12 ta'
Mejju, 1989

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-lejl ta' bejn is-17 u it-18 ta' Lulju, 2004, f'San Ġiljan ikkometta serq ta' mutur ta' l-għamla Yamaha 80, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAO 568, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li ma jeċċediex l-elf lira maltija (Lm1,000) għad-dannu ta' Albert Aquilina minn Ħal-Qormi;
2. talli bejn is-17 u it-18 ta' Lulju, 2004, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ, u cioe' il-mutur hawn fuq imsemmi, misruqa,

meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. talli bejn is-17 u it-18 ta' Lulju, 2004, f'divesi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer saq l-imsemmi mutur minġajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terżi persuni.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija l-imputat jiġi mpedut milli jkollu jew li jottjeni liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' mhux anqas minn tnax il-xahar.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' mejju, 2006 fejn l-imputat ammetta l-ewwel u it-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra. Rat l-artikoli 37, 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g) u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat il-fedina penali netta tiegħu, il-fatt li hu minuri u li ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel seduta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin lira maltin (Lm250) u tordna li jiġi nibit milli jottjeni liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena wara li l-imputat jagħlaq it-tmintax il-sena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------